MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2011

Appell Kriminali Numru. 284/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Jesmond Debono**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Jesmond Debono talli ghax-xahar ta' Marzu 2011 u fix-xhur ta' qabel, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil martu Lucienne Camilleri u/jew lil uliedu s-somma ffisata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15-il jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt ikollha tithallas dik is-somma;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-13 ta' Gunju 2011, li

permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Jesmond Debono hati u lliberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien xahar ai termini ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, u ordnat il-hlas ta' sebghin euro (€70) fi zmien xahar ai termini ta' l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Jesmond Debono pprezentat fit-23 ta' Gunju 2011 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata billi tilliberah minn kull imputazzjoni u htija;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravju ta' l-appellant huwa li d-digriet li a bazi tieghu l-ewwel Qorti sabet lill-appellant hati m'ghadux *in vigore*. Dan id-digriet inghata f'kawza bejn l-appellant u martu u permezz tieghu l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ddekretat *pendente lite* l-modalita` ta' l-access ta' l-appellant favur il-minuri kif ukoll ordnat li l-appellant ihallas provvizorjament retta alimentari fis-somma ta' Lm100 fix-xahar ghall-minuri. Sussegwentement il-partijiet iffirmaw skrittura privata datata 19 ta' Awissu 2008 u l-kawza giet ceduta. Konsegwentement, jghid l-appellant, dak id-digriet ma baqax fis-sehh.

**6.** Din il-Qorti tghid mill-ewwel li l-appellant ghandu ragun. Il-*parte civile* pprezentat bhala l-bazi tat-talba taghha digriet li kien inghata mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fl-1 ta' Novembru 2006 fil-proceduri **Jesmond Debono v. Lucienne Debono** (Citaz. Nru. 327/2004). Dan kien digriet li permezz tieghu dik il-Qorti ordnat illi "provvizorjament l-attur jivversa lil martu s-somma ta' mitt lira fix-xahar manteniment ghall-minuri li tkopri l-ispejjez kollha ta' l-istess."

**7.** Jirrizulta li b'nota tad-19 ta' Awissu 2008 dik il-kawza giet ceduta mill-attur (l-appellant odjern) stante tranzazzjoni, filwaqt illi l-konvenuta (il-*parte civile* odjerna) cediet il-kontro-talba taghha, ukoll stante tranzazzjoni.

Konsegwentement l-effetti tad-digriet imsemmi gew terminati. Id-digriet imsemmi seta’ jibqa’ *in vigore* sat-terminazzjoni tal-proceduri li fih inghata, proceduri li spiccaw bi tranzazzjoni. Ma jistax ghalhekk issa jigi ravvivat.

**8.** Lanqas ma tista’ l-*parte civile* issa tibbaza l-pretenzjoni taghha fuq l-iskrittura privata esebita. Huwa minnu illi l-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali ma jghidx li l-kuntratt irid ikun wiehed “pubbliku”. Izda galadarba l-manteniment kien originarjament gie stabbilit permezz ta’ kuntratt pubbliku datat 15 ta’ Novembru 2001, irid issa jigi varjat b’ordni tal-Qorti jew b’att pubbliku iehor. Galadarba l-appellant kien hallas is-somma dovuta skond il-kuntratt ta’ separazzjoni, u l-proceduri gew istitwiti ghall-bilanc allegatament dovut, l-appellant ma setax jinstab hati ta’ l-imputazzjoni dedotta.

**9.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, u ghalhekk tiddikjara lill-appellant mhux hati ta’ l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u tilliberah minn tali imputazzjoni u minn kull piena.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------